

32005R0383

L 61/20

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

8.3.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 383/2005**tas-7 ta' Marzu 2005****li jiddetermina l-avvenimenti operattivi għar-rati tal-kambju li japplikaw għall-prodotti tas-settur tal-inbid**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EUROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1988 li jistabbilixxi l-arranġamenti agrimonetarji għall-euro¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2808/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 jistabbilixxi r-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema agrimonetarja għall-euro fl-agrikoltura², jiddetermina l-avvenimenti operattivi għar-rati tal-kambju applikabbli abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98, mingħajr preġudizzju għal xi definizzjonijiet speċifiċi jew eżenzjonijiet ipprovduti fir-regoli għas-setturi kkonċernati abbażi ta' daww il-kriterji.
- (2) L-avvenimenti operattivi għar-rati tal-kambju applikabbli għal ċerti miżuri tal-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid huma speċifiċi u għalhekk għandhom jiġu determinati f'regolament speċifiku.
- (3) Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid³ jipprovdi primjum li jista' jingħata bi bdil mal-abbandun permanenti tat-tkabbir tad-dwieli f'żona partikolari. L-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1227/2000 tal-31 ta' Mejju 2000 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid, fir-

¹ ĠU L 349, 24.12.1998, p. 1.

² ĠU L 349, 24.12.1998, p. 36. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1250/2004 (ĠU L 237, 8.7.2004, p. 13).

³ ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1795/2003 (ĠU L 262, 14.10.2003, p. 13).

rigward tal-potenzjal tal-produzzjoni⁴, jistabbilixxi l-livell massimu tal-primjum għal kull ettaru. Għal raġunijiet ta' prattiċità amministrattiva, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għall-ammont ta' dak il-primjum għandu jaqa' fil-bidu tas-sena tal-inbid.

- (4) L-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jistabbilixxi sistema għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinjiet. Għal raġunijiet ta' prattiċità amministrattiva, ir-rata tal-kambju li tapplika għall-allokazzjoni finanzjarja pprovduta fl-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament għandha tkun l-aktar waħda ffissata reċentement mill-Bank Ċentrali Europew qabel l-1 ta' Lulju ta' qabel is-sena finanzjarja li għaliha huma ffissati l-allokazzjonijiet finanzjarji.
- (5) L-Artikoli 27 u 28 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jipprovdu prezzijiet għax-xiri li għandhom jitħallsu lill-produtturi u għall-għajnuna li d-distillatur jista' jirċievi għad-distillazzjoni ta' prodotti sekondarji tal-manifattura tal-inbid u d-distillazzjoni tal-inbid minn għeneb li għandu żewġ funzjonijiet, rispettivament. Meta wieħed jikkunsidra l-oġġettivi ekonomiċi ta' u l-proċedura għall-implementazzjoni tal-operazzjonijiet, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għal dawk l-ammonti għandu jaqa' fl-ewwel ġurnata tas-sena tal-inbid ikkonċernata.
- (6) L-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jipprovdi prezz minimu li għandu jitħallas lill-produtturi u għall-għajnuna li d-distillatur jista' jirċievi għad-distillazzjoni intenzjonata biex issostni s-settur tal-alkoħol tajjeb għax-xorb. L-Artikolu 30 ta' dak ir-Regolament jipprovdi miżura ta' distillazzjoni ta' kriżi f'każ eċċezzjonali ta' disturb fis-suq ikkawżat minn provvisti eċċessivi serji jew minn problemi ta' kwalità. Għal raġunijiet ta' prattiċità amministrattiva, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju applikabbli f'dawk il-każijiet għandu jkun ta' kull xahar.
- (7) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1623/2000 tal-25 ta' Lulju 2000 jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fl-inbid fir-rigward ta' mekkaniżmi tas-suq⁵, jipprovdi għajnuna li għandha titħallas lill-manifatturi tal-inbid fortifikat. Minħabba li l-ammont ta' dik l-għajnuna huwa konness mal-miżuri ta' distillazzjoni in kwistjoni, huwa xieraq li jintuża l-istess prinċipju meta jiġi determinat l-avveniment operattiv.
- (8) L-Artikoli 34 u 35 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 jistabbilixxu għajnuniet għal użi speċifiċi. Sabiex l-avveniment operattiv jiġi stabbilit mill-aktar qrib possibbli għall-oġġettiv ekonomiku, u għal raġunijiet ta' prattiċità amministrattiva, l-avveniment operattiv għandu jkun fl-ewwel ġurnata tax-xahar li fih issir l-ewwel operazzjoni ta' arrikkiment għall-għajnuna pprovduta fl-Artikolu 34 ta' dak ir-Regolament, u l-ewwel ġurnata ta' kull xahar li fih isiru l-operazzjonijiet tal-ipproċessar għall-għajnuna pprovduta fl-Artikolu 35 ta' dak ir-Regolament.

⁴ ĠU L 143, 16.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1389/2004 (ĠU L 255, 31.7.2004, p. 7).

⁵ ĠU L 194, 31.7.2000, p. 45. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1774/2004 (ĠU L 316, 15.10.2004, p. 61).

- (9) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-potenzjal tal-produzzjoni

1. L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju li tapplika għall-abbandun permanenti tal-primjum ipprovdut fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 għandu jkun l-ewwel ġurnata tas-sena tal-inbid li fiha ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-primjum.
2. Ir-rata tal-kambju applikabbli għall-allokazzjoni finanzjarja għar-ristrutturar u l-konverżjoni tal-vinji, ipprovduta fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, għandha tkun l-aktar rata ffissata reċentement mill-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-1 ta' Lulju ta' qabel is-sena finanzjarja li għaliha ġew iffissati l-allokazzjonijiet finanzjarji.

Artikolu 2

Il-mekkaniżmi tas-suq

1. Għad-distillazzjoni ta' prodotti sekondarji mill-manifattura tal-inbid, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju applikabbli għall-prezz tax-xiri u għall-għajnuna li għandha titħallas lid-distillaturi, ipprovduti rispettivament fil-paragrafi 9 u 11 tal-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, għandu jsir fl-ewwel ġurnata tas-sena tal-inbid li fir-rigward tagħha għandu jitħallas il-prezz tax-xiri.
2. Għad-distillazzjoni tal-inbid minn għeneb li għandu żewġ funzjonijiet, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju applikabbli għall-prezz tax-xiri u għall-għajnuna li għandha titħallas lid-distillaturi, li hemm dispożizzjoni għalih rispettivament fil-paragrafi 3 u 5 tal-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, għandu jaqa' fl-ewwel ġurnata tas-sena tal-inbid li fir-rigward tiegħu jitħallas il-prezz tax-xiri.
3. Għad-distillazzjoni ta' inbejjed tal-mejda u inbejjed adattati għall-produzzjoni ta' inbejjed tal-mejda biex isostnu s-suq tal-alkoħol tajjeb għax-xorb, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju li tapplika għall-għajnuna primarja u għall-prezz minimu, ipprovduti rispettivament fil-paragrafi 2 u 4 tal-Artikolu 29 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, għandu jsir fl-ewwel ġurnata tax-xahar li fih isir it-tqassim inizjali tal-inbid taħt kuntratt.
4. Għad-distillazzjoni ta' kriżi pprovduta fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju applikabbli għall-prezz minimu għandu jsir fl-ewwel ġurnata tax-xahar li fih isir it-tqassim inizjali tal-inbid taħt kuntratt.
5. Għall-għajnuna li għandha titħallas lill-manifatturi tal-inbid fortifikat, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 69(3) tar-Regolament (KE) Nru 1623/2000, l-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju għandu jkun l-istess bħall-miżuri tad-distillazzjoni partikolari kkonċernati.

6. L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju applikabbli għall-għajnuna li għandha titħallas għall-użu tal-għeneb magħsur ikkonċentrat jew għar-rettifikkazzjoni tal-għeneb magħsur ikkonċentrat għall-arrikkiment, skont l-Artikolu 34(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, għandu jsir fl-ewwel ġurnata tax-xahar li fiha għandha ssir l-operazzjoni tal-arrikkiment.

7. L-avveniment operattiv għar-rata tal-kambju applikabbli għall-għajnuna li għandha titħallas għall-użu tal-għeneb magħsur u għall-għeneb magħsur ikkonċentrat, skont l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999, għandu jsir fl-ewwel ġurnata ta' kull xahar li fih isiru l-operazzjonijiet tal-ipproċessar.

Artikolu 3

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika b'mod dirett fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Marzu 2005.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni